# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 26 ta’ April, 2002.**

**Kawza Numru: 12**

**Citaz. Nru. 1453/98 GV**

Doc. No. 248-02

**Joseph Vella**

**vs**

**Emmanwel Attard, Joseph Attard (bin Joseph), d-Direttur tal-Agrikultura u Joseph Attard (bin Salvatore)**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur kellu l-biljett tar-raba Nru 582/8881-ML, liema biljett kien ikopri r-raba kollu tal-genituri tieghu u cjoe raba li tikkonsisti f’hafna qsami ta’ kejl kollettiv ta’

- 24 u 45/60 tomna baghli,
- 10 titmien saqwi,
- 2 u 20/60 tmien sigar u
- 12 u 40/60 tmien rock (blat).

Premess illi l-attur u hutu qassmu dan ir-raba permezz ta’ kuntratt ta’ divizjoni fl-atti tan-Nutar Galea ta’ Dicembru 1949 u wahda mill-ahwa cediet sehemha lill-erba’ hutha l-ohra biex b’hekk l-attur ghandu sehem

ta' kwart minn l-imsemmija raba b'dan illi l-ahwa ftiehmu li l-biljett tar-raba kollu jibqa' fuq isem il-mittenti;

Premess illi fis-7 ta' Frar, 1962 minghajr il-kunsens jew konsapevolezza tal-attur, Joseph Attard (bin Salvatore) dawwar il-biljett tar-raba fuq imsemmi ghal fuq ismu u fl-istess hin iddikjara u obbliga ruhu mad-Dipartiment tal-Agrikultura illi l-istess raba jerga jigi mdawwar fuq l-attur meta jkun mitlub li jaghmel hekk mill l-istess attur;

Premess illi l-istess Joseph Attard, ghalkemm mitlub diversi drabi biex idawwar il-biljett tar-raba relattiv ghar-raba fuq imsemmi li qed jigi mahdum mill-attur kif wkoll dak ir-raba spettanti lill-attur, ghadda biex minflok dawwar l-istess raba fuq uliedu l-konvenuti Joseph Attard u Emmanwel Attard;

Premess illi l-attur ghandu dritt li l-biljett tar-raba relattiv ghall-proprjeta li hija fis-sehem tieghu tigi miktuba fuq ismu.

Premess illi l-konvenuti interpellati ripetutament baqghu inadempjenti.

Premess illi minhabba l-agir u inadempjenza tal-konvenuti, l-attur sofra u ghadu qed isofri danni.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1. tiddikjara illi l-attur ghandu jedd illi jinhareg biljett ta raba ghal fuq isem l-attur, u mir-raba li kien hemm miktub fuq l-Biljett 582/8881-ML, fuq dan l-biljett tar-raba jinkiteb ir-raba li qed jinhadem mill-attur kif wkoll dak lir-raba li gie assenjat lill-attur kif fuq spjegat u li konsegwentament, f'kaz li tali raba huwa miktub fuq biljett ta' raba fuq isem haddiehor jew il-konvenuti Attard, jigi kancellat minn fuq isimhom;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss sabiex jiehdu l-passi kollha xierqa u opportuni sabiex isir biljett ta' raba fuq isem l-attur liema biljett ikopri dak is-sehem mir-raba li kien miktub fuq il-biljett ta' raba 582/8881-ML li qed jinhadem mill-attur u dak ir-raba l-iehor li miss lill-attur kif fuq spjegat u f'kaz li dan ir-raba jinsab miktub fuq biljett ta' raba fuq isem haddiehor jew il-konvenuti, li dan jigi kancellat minn fuq isimhom;

3. tiffissa l-gurnata hin u lok sabiex jigu iffirmati id-dokumenti relattivi sabiex isehh dak mitlub fit-tieni talba u tinnomina kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci;

4. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti u li qed jigu sofferti mill-attur;

5. tillikwida id-danni sofferti mill-attur komprizi dawk li jigu sofferti mill-istess attur sad-data tas-sentenza u dan jekk hemm bzonn b'opra ta' periti nominandi;

6. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Agrikultura a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

Illi preliminarjament l-eccipjenti ma kienx interpellat b'ittra ufficjali jew protest ai termini tal-art 460 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-prezenza tad-Direttur tal-Agrikoltura fil-vertenza odjerna hija mehtiega esklussivament ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza pronunzjata minn din l-Onorabbli Qorti rigward ir-registrazzjoni tal-biljett tar-raba.

Illi l-eccipjenti jirrimetti ruhu a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi huwa ma ghandux ibati spejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard bin Salvatore fejn eccepixxa:

a. Illi t-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-is-ejjez kontra l-istess attur;

b. Illi l-istess konvenut ghandu titolu validu skond il-ligi fejn qed jokkupa l-art/raba mertu ta' dan il-ftehim, b'mod legali;

c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hu verament kontestat id-dikjarazzjoni tal-attur aktar u aktar meta hemm principju li "min jahdem ir-raba ghandu dritt ghar-raba";

d. Illi dan l-agir tal-attur qed iservi ta' danni u hsara stante l-investiment qawwi u benefikati li saru fir-raba inkwistjoni u dan bhal ma jaf ben tajjeb l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard bin Joseph fejn eccepixxa:

a. Illi l-esponent qed jokkupa r-raba b'mod legittimu u dan kif jaf ben tajjeb l-istess attur;

b. Illi l-esponent dejjem hadem ir-raba minn ckunitu u fl-istess hin dejjem ghen lill-missieru Joseph Attard bin Salvatore u kompla fl-istess soghol sallum u ghalhekk qed jokkupa r-raba b'mod legittimu u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hu verament kontestat id-dikjarazzjoni tal-attur aktar u aktar meta hemm principju car li jghid "min jahdem ghar-raba ghandu dritt ghar-raba";

d. Illi dan l-agir tal-attur qed iservi ta' danni u hsara stante l-investiment qawwi u benefikati li saru fir-raba inkwistjoni u dan bhal ma jaf ben tajjeb l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 27;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attur kellu raba li kien miktub fuq biljett li jgib in-numru 582/8881-ML li gie dettaljatament deskritt fl-affidavit ta' Saviour Vella a fol. 74 *et seq*. Imbaghad fis-7 ta' Frar, 1962 il-konvenut Joseph Attard dawwar il-biljett tar-raba ghal fuq ismu minghajr il-kunsens ta' l-attur, imma ddikjara mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura (ara fol. 5) li kien lest li jerga' jdawwar ir-raba fuq l-attur meta dan jitolbu jaghmel hekk. Minflok, fil-1985 Joseph Attard dawwar dan ir-raba fuq uliedu Joseph Attard (*junior*) u Emmanuel Attard.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta (ara xiehda ta' Anthony Borg a fol. 150) li meta l-partijiet jaqblu id-dipartiment ma jsibx oggezzjoni li jsir trasferiment tar-raba minn naha ghall-ohra. Fil-kaz in ezami hu xehed li m'ghandux *record* li Joseph Vella taha l-kunsens tieghu biex isiru dawn it-trasferimenti. Illi fil-kotba tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura kien hemm specifikat li l-biljett tar-raba ma setghax jigi mdawwar jekk mhux bil-kunsens espress ta' l-attur.

Illi ghalhekk l-ewwel tliet talbiet ta' l-attur ghandhom jigu milqugha.

Dwar it-talbiet rimanenti l-attur ma gab ebda prova.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur;

dwar it-tielet talba tipprefiggi xahar zmien improrogabbli biex jigu ffirmati d-dokumenti relattivi sabiex isir dak mitlub fit-tieni talba;

tinnomina lill Dr. Noel Bartolo kuratur sabiex jirrappresenta l-eventwali kontumaci;

tichad it-talbiet erbgha (4) sa sitta (6) ghar-raguni fuq imsemmija;

bl-ispejjez kontra l-konvenuti Attard, salv ghal dak li hemm provdut fis-sentenza preliminari.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**